KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI RUIZ-JARABO COLOMER ippreżentati fl-20 ta' Ottubru 2009 [1]

I — Introduzzjoni

1. Fil-bidu nett tal-Istat tas-sigurtà soċjali, ċerti setturi ekonomiċi tneħħew mil-loġika tas-suq sabiex titnaqqas id-distanza bejn l-"ispazju vitali dominat" u l-"ispazju vitali effettiv" [2]. F'isem valuri mhux strettament ekonomiċi, stabbiliti fil-kunċett klassiku ġuridiku kontinentali ta' servizz pubbliku, l-intervent statali kien ġie intensifikat f'setturi partikolari, inħolqu monopolji u ssaħħet il-leġiżlazzjoni.

2. Sa mill-Att Uniku Ewropew, meta tpoġġa "fuq l-artal tal-ideat politiċi" idolu ġdid, il-kompetizzjoni, is-servizz pubbliku sar ostakolu li għandu jintgħeleb favur liberalizzazzjoni li fiha tistrieħ kull tama [3].

3. Il-ftuħ tas-suq jikkostitwixxi l-ewwel pass ta' din il-politika, iżda bit-tneħħija tal-ostakoli jibqgħu ċerti bżonnijiet li s-suq waħdu ma jkunx jista' jissodisfahom. Għalhekk jinħoloq intervent pubbliku taħt forma ta' "servizzi ta' interess ġenerali" u ta' "obbligi ta' servizz pubbliku", li l-awtoritajiet jimponu fuq l-impriżi tas-setturi liberalizzati għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi li biex jiġu sodisfatti, billi ma jistgħux jiġu rrinunzjati, ma jistgħux jitħallew għall-forzi tas-suq biex jieħdu ħsiebhom.

4. L-isfida l-kbira tad-dritt tal-ekonomija attwali hija bbażata fuq restrizzjoni ta' dawn l-interventi pubbliċi. Sa issa, dan kien rilevanti biss fir-rigward tal-eżistenza ta' drittijiet esklużivi jew għall-finanzjament tas-servizzi inkwistjoni, imma rari fir-rigward tal-obbligi ta' servizz pubbliku, li huma speċifikament is-suġġett tad-domanda preliminari magħmula f'din il-kawża.

5. Sa mis-seklu XIX, il-gass kiseb importanza partikolari fl-iżvilupp tas-soċjetajiet moderni.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Terminoloġija ta' Forsthoff fit-teorija tiegħu fuq l-"assistenza eżistenzjali" (Daseinvorsorge) [E. Forsthoff, *Sociedad Industrial y Administración Pública*, Escuela Nacional de Administración Pública, Madrid, 1967 (1958)].

3 — Kif wera b'sengħa kbira T.R Fernández, f' "Del servicio púbblico a la liberalización desde 1950 hasta hoy", *Revista de Administración Pública*, Nru 150, Settembru-Diċembru 1999, p. 57 sa 73.

Il-letteratura tirrifletti t-tħassib li għall-ewwel qajjem il-gass [4] u l-impatt ikkawżat suċċessivament [5], sakemm sar parti mill-ħajja ta' kuljum, kif enfasizza Pérez Galdós [6]. Id-Direttiva 2003/55/KE [7] tistabbilixxi l-ftuħ totali tas-suq tal-gass mill-1 ta' Lulju 2007 u t-Tribunale Amministrativo Regionale della Lombardia (iktar 'il quddiem: il-qorti tar-rinviju) jistaqsi jekk, wara din id-data, l-awtoritajiet Taljani jistgħux jibqgħu jipparteċipaw eċċezzjonalment fl-iffissar tal-prezzijiet tal-provvista tal-gass f'sitwazzjoni kkaratterizzata minn nuqqas ta' kompetizzjoni.

6. Jekk is-servizz pubbliku huwa, skont il-Conseil d'État Franċiż [8], l-"estensjoni tas-suq, b'mezzi oħrajn, meta s-suq ifalli, u mhux viċiversa", f'sitwazzjoni ta' deterjorament fil-kompetizzjoni, l-Istat ikollu jintervjeni biex jirrimedja l-konsegwenzi ta' din is-sitwazzjoni. Madankollu, l-intervent pubbliku fis-suq għandu jkun limitat biex ma tiġix posposta *sine die* l-vera liberalizzazzjoni, u għandu jkun iffokat fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi.

4 — Alexandre Dumas, fir-rumanz tiegħu "*La mujer del collar de terciopelo*" ["Is-sinjura biż-żigarella tal-bellus"], *Mil y un fantasmas*, Editorial Valdemar, Madrid, 1996, p. 20, jgħid fl-1846 li "Nodier kien jibża' mill-invenzjonijiet kollha — il-gass kien iġennu, ir-riħa tiegħu tiffrustrah; kien jara ġej l-aħħar tad-dinja fil-qerda tal-boskijiet u meta jispiċċaw il-minjieri tal-faħam". [traduzzjoni libera]

5 — Wieħed mill-ewwel użu tal-gass sar mill-Franċiż Montgolfier, li tella' l-blalen aerostatiċi famużi tiegħu billi sfrutta l-leġġerezza tal-idroġenu.
Fl-1833 Mariano José de Larra kiteb tliet artikli bl-istess titolu, "Ascensión aerostática", [*Articulos completos*, Ed. RBA u Instituto Cervantes]. Fl-ewwel wieħed, p. 482 *et seq.*, jirriferi għat-tentattiv ta' García Rozo li jtella' ballun 'il fuq mill-bankijiet tar-Retiro ta' Madrid fit-28 ta' April 1833, quddiem il-familja Rjali u b'aspettattiva straordinarja. L-esperjenza falliet għal diversi raġunijiet, inkluża x-xita. Fit-tieni artikolu, p. 546 *et seq.*, ir-rakkont huwa bbażat fuq tentattiv ġdid ta' García Rozo fil-Plaza de Oriente, ftit jiem wara, meta ma rnexxilulx jonfoħ il-ballun, u rripeta x-xena ta' Don Kixott u Sancho, meta, riekeb fuq Clavileño, ħasbu li kienu qed jivvjaġġaw fir-reġjun tan-nar bil-fewġa ħafifa tal-imniefaħ tad-dar tad-Duka. Fit-tielet wieħed, mhux miġbur fix-xogħol iċċitat, iqsar, jerġa' jiġi rrakkontat il-fjask ta' Plaza de Oriente.
Wara, l-gass jidher bħala konkwista ta' żminijiet moderni: José Maria Eça de Queirós, f'"La Reliquia", *Obras Completas*, traduzzjoni ta' Julio Gómez de la Serna, Edizzjoni Aguilar, Madrid, 1954, Vol. I, p. 179 *et seq.*, fejn il-protagonista jgħid "Forsi kont tlift għal kollox l-individwalità tiegħi ta' Raposo, ta' Kattoliku, ta' studjuż, kontemporanju tat-Times u tal-gass, biex sirt raġel tal-qedem, tampar Tiberju?" [traduzzjoni libera]
Fl-aħħar, il-gass sar parti mill-ħajja ta' kuljum, idawwal it-toroq u d-djar:
Irene Nemirovsky, f'*El Baile* (traduzzjoni ta' Gema Moral, Edizzjoni Salamandra, Barċellona, 2006, p. 14), tirrakkonta kif omm Antoinette, il-protagonista, kienet taqra r-rumanzi bilqiegħda fid-dawl ta' lampa f'forma ta' globu ta' ħġieġ imżelleġ fejn kienet tiddi l-fjamma tal-gass; u fil-paġna 53 issemmi kif Antoinette, lejla fl-għabex ta' Pariġi, tiltaqa' mal-kebbies tal-fanali, li kien imiss wieħed wieħed il-fanali bil-lasta twila tiegħu, u jqabbadhom mal-ewwel.
Dan l-aħħar Ana María Matute, rebbieħa tal-premju Planeta, Nadal u Café de Gijón u kandidata għan-Nobel, f'*Paraíso inhabitado* (Edizzjoni Destino, Barċellona, 2008, p. 11), irriferiet għall-kebbies tal-fanali li, filgħaxija fis-snin ta' qabel it-tieni Repubblika Spanjola "kien jixgħel bil-mod il-mod b'lasta twila fjammi kaħlanin, ipetptu, fil-fanali tal-gass". [traduzzjoni libera]

6 — M. del C. Simón Palmer, "El gas en la obra de Galdós", *Actas del IV Congreso internacional de estudios galdosianos de 1990,* edizzjoni ta' Cabildo Insular de Gran Canaria, Las Palmas, 1993, volum II, p. 565 *et seq.*, jiġbor diversi siltiet ta' *Episodios Nacionales*, ta' *Fortunata y Jacinta*, ta' *Tormento*, ta' *La desheredada* u ta' *Doña Perfecta*.

7 — Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li thassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU L 176, p. 57).

8 — "Rapport public du Conseil d'État, 1994, Considérations générales: Service public, services publics: déclin ou renouveau", *Etudes et Documents,* Nru 46, Pariġi, 1995.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju: id-Direttiva 2003/55*

7. Id-Direttiva 2003/55 (iktar 'il quddiem ukoll id-"Direttiva") tipproponi l-ħolqien tas-suq intern tal-gass naturali.

8. Skont il-premessa 2 tagħha, l-esperjenza akkwistata bid-Direttiva 98/30/KE [9], li d-Direttiva tal-2003 tħassar, turi l-vantaġġi li jistgħu jirriżultaw mit-twaqqif ta' dan is-suq, u tenfasizza li għad hemm nuqqasijiet sinjifikanti u li jista' jittejjeb it-tħaddim tiegħu, b'mod partikolari b'"disposizzjonijiet konkreti biex jiġi żgurat illi jkun hemm kondizzjonijet ugwali u li jitnaqqsu r-riskji ta' dominanza fis-suq u atteġġjament predatorju […] u li jiġi aċċertat li d-drittijiet tal-konsumaturi żgħar u vulnerabbli jiġu mħarsa".

9. Il-premessa 18 tad-Direttiva 2003/55 tirreferi għal wieħed mill-elementi essenzjali tal-proċess ta' liberalizzazzjoni: l-għażla libera tal-provveditur min-naħa tal-konsumaturi tal-gass. Biex jintlaħaq dan l-għan, id-Direttiva tadotta approċċ gradwali, b'terminu stabbilit, biex l-impriżi jkunu jistgħu jadattaw u jiggarantixxu l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u d-dritt tagħhom, reali u effettiv, li jagħżlu provveditur.

10. Il-premessa 26 tirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri sabiex jilħqu "fil-Komunità" livelli għoljin kwalitattivi "ta' servizz pubbliku", u tippreċiża li għandhom jiġu kkommunikati regolarment lill-Kummissjoni u li jistgħu jkunu differenti "skond id-djar u l-intrapriżi żgħar u medji". Il-premessa 27 issemmi s-servizz pubbliku, "rekwiżit fundamentali" tad-Direttiva, li għandu jiddefinixxi "l-istandards komuni […] li jqisu l-għanijiet tal-ħarsien [protezzjoni] tal-konsumatur, sigurtà tal-fornitura [provvista], ħarsien ta' l-ambjent u livelli ta' kompetizzjoni ekwivalenti fl-Istati Membri kollha" imbagħad tenfasizza li dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu interpretati billi jitqiesu ċ-ċirkustanzi nazzjonali filwaqt li jiġi osservat id-dritt Komunitarju.

11. Skont l-Artikolu 2(25) b'"klijenti tad-dar [domestiċi]" id-Direttiva tfisser il-klijenti li jixtru l-gass naturali għall-konsum proprju

9 — Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (ĠU L 204, p. 1).

fid-dar u, skont l-Artikolu 2 (28) "klijenti eliġibbli" tfisser klijenti li huma liberi li jixtru l-gass mill-provditur [provveditur] tal-għażla tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 23 ta' din id-Direttiva. Dan l-Artikolu 23(1)(ċ) jeħtieġ lill-Istati Membri li jiżguraw li, mill-1 ta' Lulju 2007, il-klijenti kollha jkunu eliġibbli.

12. L-Artikolu 3 tad-Direttiva jipprovdi għall-obbligi tas-servizz pubbliku u għall-protezzjoni tal-klijenti. Skont il-paragrafu 1 tiegħu, l-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-"impriżi tal-gass naturali jiġu operati skond il-prinċipji ta' din id-Direttiva bi skop li jinkiseb suq tal-gass naturali kompetittiv, sigur u sostenibbli fl-ambjent" u ma għandhomx "jiddiskriminaw bejn dawn l-impriżi rigward id-drittijiet u l-obbligi tagħhom".

13. Madankollu dak li ntqal iktar 'il fuq għandu jinftiehem "mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2" tal-istess Artikolu 3, fejn jingħad li "[t]enut kont sħiħ tad-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi operaturi fis-settur tal-gass, fl-interess ekonomiku generali, obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku, li jistgħu jirrelataw għal […] prezz tal-provvisti […]". Dawn l-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar, ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u jiggarantixxu lill-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea li joperaw fis-settur tal-gass aċċess ugwali għall-konsumaturi nazzjonali.

14. L-Artikolu 3(3) jintroduċi obbligu tal-protezzjoni tal-utenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk l-iktar żvantaġġati: "l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti finali u jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, b'mod partikolari, jaċċertaw illi hemm salvagwardji xieraq għall-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri xierqa biex jgħinuhom jevitaw id-diskonnessjoni […] b'mod partikolari rigward trasparenza rigward it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-appalti, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijent eliġibbli effettivament jista' jaqleb għal provditur ġdid. Rigward klijenti tad-dar [domestiċi] dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness A" [10].

15. Skont l-Artikolu 3(6) l-Istati Membri għandhom, "ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mizuri kollha adottati biex jilħqu l-obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku, inklużi l-protezzjoni tal-konsumatur u ta'

10 — Paragrafu (g) tal-Anness A jirreferi għall-obbligu li "għandhom jaċċertaw li l-klijenti [...] imqabbda mas-sistema tal-gass jiġu informati dwar id-drittijiet tagħhom li jiġu forniti, taħt il-liġi nazzjonali li tapplika, bil-gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli".

l-ambjent, u l-effett possibbli tagħhom fuq il-kompetizzjoni nazzjonali u internazzjonali", irrispettivament mill-fatt li dawk il-miżuri jeħtieġu deroga minn dak stabbilit fid-Direttiva.

B — *Id-dritt Taljan*

16. Eżatt ftit tal-jiem qabel l-1 ta' Lulju 2007, it-terminu stabbilit għal-liberalizzazzjoni kompleta tas-suq tal-gass skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/55, fl-Italja ġie approvat id-Digriet Liġi Nru 73, tat-18 ta' Ġunju 2007, li bih l-Autorità per l'energia elettrica e il gas ingħatat il-poter li tiffissa "prezzijiet ta' referenza" għall-bejgħ ta' gass lil ċerti klijenti, anki wara l-ftuħ totali tas-suq.

17. Dan id-Digriet Liġi kien ġiet approvat bil-Liġi Nru 125, tat-3 ta' Awwissu 2007, li l-Artikolu 1(3) tiegħu jipprovdi li:

"Biex jiġu ġġarantiti d-dispożizzjonijiet Komunitarji fir-rigward tas-servizz universali, l-Autorità per l'energia elettrica e il gas għandha tindika kundizzjonijiet standard ta' provvista tas-servizz u għandha tiddefinixxi, fuq bażi tranżitorja, abbażi tal-ispejjeż effettivi tas-servizz, tal-prezzijiet ta' referenza […] għall-provvista ta' gas naturali lil klijenti domestiċi, li l-impriżi ta' distribuzzjoni jew ta' bejgħ, fil-kuntest tal-obbligi tagħhom ta' servizz pubbliku, jinkludu fost l-offerti kummerċjali tagħhom billi jagħtu wkoll il-possibbiltà ta' għażla bejn skemi tariffarji u faxex tal-ħinijiet differenti. […], mingħajr preġudizzju għall-poteri ta' superviżjoni u ta' intervent tal-Awtorità għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-utenti, anki fil-każijiet ta' żidiet tal-prezzijiet verifikati u inġustifikati u ta' bdil tal-kundizzjonijiet tas-servizz għal klijenti li għadhom ma eżerċitawx id-dritt ta' għażla" [11].

18. Il-qorti tar-rinviju Taljana tqis li d-dispożizzjoni inkwistjoni tipprovdi "kopertura leġiżlattiva għall-eżerċizzju tal-poter regolatorju tal-Awtorità fir-rigward tal-prezz tal-gass anki wara l-1 ta' Lulju 2007".

11 — L-Artikolu 1(3) tad-Digriet Liġi kien kemxejn differenti minn dak tal-Liġi ta' Approvazzjoni, li speċifikat li l-poter tal-Awtorità huwa tranżitorju.

III — Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19. Fid-29 ta' Marzu 2007 l-Autorità per l'energia elettrica e il gas adottat id-Deċiżjoni Nru 79/07 li tirrigwarda r-reviżjoni tal-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' provvista ta' gass għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Marzu 2007, u tistabbilixxi l-kriterji ta' aġġornament ta' ċerti kundizzjonijiet ekonomiċi. Skont il-punt 1.3.1 tad-Deċiżjoni inkwistjoni, il-formuli tal-kalkolu approvati għall-finijiet tal-aġġornament tal-korrispettiv varjabbli fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni bl-ingrossa kienu japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2008; il-punt 1.3.2 kien jippermetti lill-Awtorità li tivverifika jekk il-kundizzjonijiet kinux sodisfatti sabiex testendi dan il-poter sat-30 ta' Ġunju 2009.

20. Federutility, Assogas, Libarna Gas spa, Collino Commercio spa, Sadori gas spa, Egea Commerciale, E.On Vendita srl u Sorgenia spa (impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi li joperaw fis-suq Taljan tal-gass naturali) ippreżentaw ħames rikorsi kontra din id-Deċiżjoni Nru 79/07, u kontra deċiżjonijiet suċċessivi oħrajn tal-Awtorità (Deċiżjonijiet Nri 80/07, 158/07, 242/07 u 346/07) [12].

21. L-argument prinċipali tagħhom kien ibbażat fuq allegat ksur tad-Direttiva 2003/55, li tipprovdi li s-settur tal-gass kellu jiġi liberalizzat kompletament mill-1 ta' Lulju 2007. Ir-rikorrenti jsostnu li, biex jiggarantixxu lill-klijenti kollha, mid-data msemmija, l-għażla libera tal-provveditur tagħhom, il-prezz ta' bejgħ tal-gass kellu jiġi ddeterminat esklużivament fuq il-provvista u d-domanda, mingħajr interventi minnaħa tal-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, huma jsostnu li l-"prezzijiet ta' referenza" wara t-tieni trimestru tal-2007 (kif stabbiliet id-Deċiżjoni Nru 79/07) jiksru d-dritt Komunitarju.

22. It-Tribunale Amministrativo Regionale tal-Lombardija (Awla IV) adit bir-rikorsi inkwistjoni, u billi qies li s-soluzzjoni tal-kawża tiddependi mill-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/55 bagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 234 KE, din id-domanda preliminari:

"L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, li tirregola l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-gass, għandu jiġi interpretat, b'mod konformi mal-prinċipji stabbiliti mit-Trattat KE, fis-sens li jipprekludi liġi nazzjonali (u l-atti għall-applikazzjoni tagħha li jirriżultaw minnha) li wara l-1 ta' Lulju 2007, bi ksur ta' din id-dispożizzjoni u l-prinċipji Komunitarji, tħalli lill-awtorità regolatorja nazzjonali s-setgħa li tistabbilixxi l-prezzijiet ta' referenza tal-provvista ta' gass naturali lill-klijenti domestiċi (kategorija mhux determinata u

12 — Rikorsi R.G. 1276/07, R.G. 1279/07, R.G. 1285/07, R.G. 1359/07 u R.G. 1490/07.

mhux definita fil-livelli ta' referenza li ma timplikax, fiha nnifisha, l-evalwazzjoni ta' sitwazzjonijiet partikolari ta' bżonn soċjo-ekonomiku li jista' jiġġustifika d-definizzjoni ta' l-imsemmija prezzijiet ta' referenza), liema prezzijiet l-impriżi tad-distribuzzjoni jew talbejgħ huma marbuta li jinkludu fost l-offerti kummerċjali tagħhom fil-kuntest ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom?

servizz universali, għalkemm il-klijenti kollha għandhom jitqiesu bħal 'ħielsa'?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

jew

23. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Ġunju 2008.

24. Federutility, Libarna Gas, Sorgenia u Assogas kif ukoll il-Kummissjoni u l-Gvernijiet, l-Estonja u l-Italja ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

Din id-dispożizzjoni (l-imsemmi Artikolu 23) għandha tiġi interpretata flimkien ma' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/55/KE (li fil-paragrafu (2) jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu, fl-interess ekonomiku ġenerali, jimponu obbligi relatati mas-servizz pubbliku fuq l-impriżi li joperaw fis-settur tal-gass dwar, bħal f'dan il-każ, il-prezz tal-provvista) fis-sens li tali dispożizzjonijiet Komunitarji ma jipprekludux liġi nazzjonali li, meta tittieħed in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tas-suq, li għadu kkaratterizzat min-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' 'kompetizzjoni effettiva', almenu fis-settur tal-kummerċjalizzazzjoni bl-ingrossa, tippermetti d-determinazzjoni mill-amministrazzjoni tal-prezz ta' referenza tal-gass naturali, li għandu jintwera b'mod obbligatorju fost l-offerti kummerċjali ta' kull wieħed mill-bejjiegħa lill-klijenti domestiċi tiegħu fil-kuntest tal-kunċett ta'

25. F'anness fis-sejħa għas-seduta, il-partijiet fil-kawża prinċipali u r-Repubblika Taljana ntalbu jgħidu jekk l-obbligu li jintwerew il-"prezzijiet ta' referenza" tal-provvista ta' gass lil klijenti domestiċi fl-offerti kummerċjali tal-impriżi jfissirx li huma għandhom l-obbligu li jipproponu u li applikaw dawn il-prezzijiet lill-klijenti tagħhom u li, għalhekk, huma pprojbiti milli jidħlu f'kuntratti b'kundizzjonijiet tariffarji differenti, jew jekk dawk il-prezzijiet għandhomx biss valur purament indikattiv. Barra minn hekk intalab li jiġi speċifikat il-kamp ta' applikazzjoni ta'

dan l-obbligu billi jiġi indikat b'mod partikolari jekk il-klijenti kkonċernati kinux biss klijenti domestiċi, bl-esklużjoni tal-persuni ġuridiċi. Federutility, Libarna Gas, Sorgenia u Assogas u l-Gvern Taljan irrispondew lill-Qorti tal-Ġustizzja bid-dokumenti rispettivi fix-xaħar ta' Lulju 2009.

26. Fis-seduta, li saret fit-8 ta' Settembru 2009, dehru biex jittrattaw oralment l-osservazzjoniiet tagħhom ir-rappreżentanti ta' Federutility, ta' Assogas, ta' Libarna Gas, ta' Sorgenia, tal-Kummissjoni u tal-Gvernijiet tal-Estonja u tal-Italja.

V — Daħla: l-intervent tariffarju f'kuntest ta' kompetizzjoni formali

A — *In-nuqqas ta' kompetizzjoni ġenwina fis-suq tal-gass*

27. Il-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija li beda bid-Direttivi 96/92/KE [13] u 98/30 kien mgħaġġel b'mod kunsiderevoli bl-adozzjoni tad-Direttivi 2003/54/KE [14] u 2003/55, li stabbilew il-ftuħ tas-swieq tal-elettriku u tal-gass għall-klijenti kollha mhux domestiċi mill-1 ta' Lulju 2004 u għall-klijenti kollha, mingħajr ebda distinzjoni, mill-1 ta' Lulju 2007 [15].

28. It-twettiq ta' dan il-programm ambizzjuż kien fdat lill-Istati Membri. Madankollu l-progress ma kienx lixx għal kollox. Hekk iddikjarat il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-10 ta' Jannar 2007 [16], fejn irrikonoxxiet li, għalkemm "il-prinċipji fundamentali tas-suq intern tal-enerġija ntlaqgħu fil-livell leġiżlattiv, istituzzjonali u ta' infrastruttura fiżika [...], kompetizzjoni awtenitka mhux veru li teżisti f'ħafna Stati Membri. Spiss il-klijenti ma għandhom l-ebda possibbiltà reali li jagħżlu provveditur differenti" u, inġenerali, għad m'hemmx livell għoli ta' fiduċja fis-suq intern [17].

13 — Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (ĠU L 27, p. 20).

14 — Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU L 176, p. 37).

15 — Artikoli 21 tad-Direttiva 2003/54 u 23 tad-Direttiva 2003/55.

16 — Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew: Prospetti għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku (COM(2006) 841 finali).

17 — Anzi, kif jenfasizza Peter D. Cameron, "il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-enerġija għalissa ma tantx jidhru evidenti kif previst: ir-roħs tal-prezzijiet mhuwiex effett inevitabbli tal-liberalizzazzjoni, u lanqas it-tnaqqis fl-interferenza tal-Istat; il-poter kummerċjali tal-impriżi stabbiliti diġà kiber u l-wasla ta' kompetituri ġodda fis-swieq tal-elettriku u tal-gass ħadet l-aspett ta' 'nistennew lil Godot'" [traduzzjoni libera] (P. Cameron, *Legal aspects of EU energy regulation. Implementing the New Directives on Electricity and Gas Across Europe*, Oxford University Press, 2005, p. 36).

29. Konxja tal-karattru mhux komplet tal-proċess ta' liberalizzazzjoni, il-Kummissjoni adottat it-"tielet pakkett tal-enerġija", intiż biex jirrimedja għan-nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Dan il-pakkett jinkludi proposta ta' emenda tad-Direttiva 2003/55 li tissuġġerixxi, pereżempju, is-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet ta' provvista u produzzjoni mill-operazzjonijiet tan-netwerk [18].

30. Il-Kummissjoni tqis li l-intervent fil-prezzijiet tal-gass (u tal-elettriku) huwa wieħed mill-kawżi u, fl-istess ħin, waħda mill-konsegwenzi tan-nuqqas attwali ta' kompetizzjoni fis-settur tal-enerġija. Minn naħa, fost in-nuqqasijiet ewlenin osservati fit-traspożizzjonijiet tad-direttivi riċenti, il-Kummissjoni tinkludi l-"prezzijiet regolati li jimpedixxu d-dħul ta' operaturi ġodda fis-suq" [19]. Min-naħa l-oħra, hija żżid li, b'dawn l-irregolaritajiet, "l-kumpanniji tal-elettriku u tal-gass fis-suq iżommu fil-biċċa l-kbira pożizzjoni dominanti fis-suq nazzjonali 'tagħhom'", u li "għalhekk diversi Stati Membri jibqgħu jikkontrollaw mill-qrib il-prezzijiet mitluba lill-utenti finali tal-gass u tal-elettriku. Sfortunatament, dan l-aġir spiss ifisser restrizzjoni tal-kompetizzjoni" [20].

31. Il-koeżistenza ta' swieq tal-enerġija miftuħa u ta' prezzijiet regolati hija komuni ħafna fl-Istati Membri tal-Unjoni, kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni fir-rapport tagħha tal-15 ta' April 2008 [21], li jirrigwarda "terz tas-swieq tal-gass […] u f'aktar minn nofs tas-swieq ta' l-elettriku. Għal bosta Stati Membri b'regolazzjoni tal-prezzijiet, ir-regolazzjoni mhijiex limitata għall-klijenti żgħar — il-forniment lis-setturi kollha ta' klijenti jista' jsir bi prezzijiet regolati".

32. Is-sitwazzjoni deskritta tikkoinċidi ma' dik tas-settur tal-gass fl-Italja. Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Gvern ta' dan il-pajjiż, is-suq nazzjonali huwa kkaratterizat mir-rwol preminenti tal-Eni, impriża li, fl-istess ħin, għandha l-monopolju fuq l-importazzjoni tal-gass, hija proprjetarja tal-biċċa l-kbira tan-netwerk tat-trasport, għandha pożizzjoni ta' dominanza assoluta fil-produzzjoni u hija l-bejjiegħa prinċipali bl-ingrossa. Dan in-nuqqas ta' kompetizzjoni fis-suq bl-ingrossa għamilha possibbli li jinżammu l-monopolji lokali fil-bejgħ bl-imnut, ta' spiss integrati vertikalment mal-operatur tan-netwerk ta' distribuzzjoni.

18 — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE [KUMM(2007) 529 def.].

19 — Komunikazzjoni tal-10 ta' Jannar 2007, iċċitata iktar 'il fuq, punt 1.3.

20 — Komunikazzjoni tal-10 ta' Jannar 2007, iċċitata iktar 'il fuq, punt 1.4.

21 — Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Progress fil-ħolqien tas-suq intern tal-gass u l-elettriku [COM (2008) 192 finali].

F'dan il-kuntest, id-dħul ta' operaturi ġodda huwa diffiċli ħafna: l-ewwel nett għaliex huma jkunu mġiegħla jixtru l-gass mingħand Eni, li timponi l-kundizzjonijiet tagħha, u jitnaqqsu għall-minimu l-marġni ta' profitt eventwali tagħhom; it-tieni nett minħabba d-diffikultà li wieħed jikkompeti, fil-livell lokali, ma' operaturi integrati vertikalment.

1) Jiddefinixxi xi "prezzijiet ta' referenza" għall-provvisti ta' gass naturali li l-impriżi għandhom jinkludu "fost l-offerti kummerċjali tagħhom billi jagħtu l-possibbiltà ta' għażla bejn skemi tariffarji u faxex tal-ħinijiet differenzjati".

B — *Ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet ta' provvista fil-kuntest ta' nuqqas ta' kompetizzjoni*

33. Dawn iċ-ċirkustanzi, flimkien mat-tendenza li jogħla l-prezz tal-prodotti taż-żejt fis-swieq internazzjonali, kienu l-motiv għall-intervent tal-awtoritajiet Taljani fil-kwistjoni. Sabiex jiġi evitat li ż-żieda fil-prezz tal-materja prima ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-konsumaturi, ġie deċiż li jiġi estiż il-poter tal-Awtorità għall-enerġija elettrika u tal-gass li tiffissa "prezzijiet ta' referenza" għall-provvista ta' gass naturali lill-klijenti domestiċi, anki wara l-1 ta' Lulju 2007, data meta s-suq tal-gass Taljan kellu jiġi lliberalizzat skont ir-regoli ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/55.

Meta saru xi domandi lill-partijiet fil-kawża prinċipali u lill-Gvern Taljan dwar il-portata tal-obbligu inkwistjoni, tal-ewwel irrispondew billi ċaħdu li l-"prezzijiet ta' referenza" għandhom valur sempliċiment indikattiv. Huma jsostnu li, fil-prattika, l-impriżi ta' gass naturali ma jistgħux jipproponu lill-klijenti tagħhom kundizzjonijiet tariffarji alternattivi u iktar interessanti minn dawk indikati mill-Awtorità, li l-"prezzijiet ta' referenza" tagħha huma diġà inferjuri mill-medja Ewropea. Fid-dawl tan-numru kbir ta' utenti li lilhom il-forniturigħandhom joffru u japplikaw dawn il-prezzijiet protetti, jeħtieġ jiġi rrilevat, skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li l-possibbiltà ta' tariffi differenti hija purament teoretika.

34. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 1 tal-liġi Taljana tat-3 ta' Awwissu 2007, il-poter inkwistjoni huwa kkaratterizzat b'dan il-mod:

2) Il-"prezzijiet ta' referenza" huma kkalkolati abbażi ta' "spejjeż effettivi

tas-servizz". Skont l-informazzjoni fil-fajl, il-kundizzjonijiet ekonomiċi ffissati mill-Awtorità huma r-riżultat ta' erba' fatturi f'daqqa: il-prezz tad-distribuzzjoni, tat-trasport u tal-ħażna, ammont varjabbli li jikkorrispondi għall-bejgħ bl-imnut u ieħor li jirrigwarda l-ispejjeż ta' akkwist tal-materja prima, inklużi l-ispejjeż konnessi max-xiri bl-ingrossa tal-gass naturali. Id-diskussjoni fil-kwistjoni tirrigwarda l-kalkolu ta' dan l-aħħar element billi, fir-rigward tas-suq bl-ingrossa, fejn il-prezz tal-gass isegwi l-andament tal-prodotti taż-żejt, il-prezz tal-bejgħ bl-imnut huwa protett bi "klawżola ta' salvagwardja", li biha l-Awtorità tevita li tirrifletti l-ispiża sħiħa tal-materja prima meta tkun għolja ħafna. B'dan il-mod, il-fornituri tal-gass fil-kont lill-klijenti tagħhom għandhom jinkludu prezz li ma jkunx fih l-ammont sħiħ imħallas għall-materja prima. Biex jiġi evitat li l-piż ekonomiku tal-operazzjoni jaqa' esklużivament fuq dawn l-impriżi, l-Awtorità imponiet fuq il-bejjiegħa bl-imnut li jinnegozjaw mill-ġdid il-kuntratti ta' bejgħ tal-gass.

3) Għal dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-"prezzijiet ta' referenza", l-Artikolu 1(3) tad-Diġriet Liġi jirrikjedi biss li dawn jiġu proposti lill-"klijenti domestiċi". Id-digriet tar-rinviju jiddeskrivi din il-kategorija ta' utenti bħala "indeterminata"; għall-kuntrarju, skont il-Kummissjoni, "il-prezzijiet ta' referenza japplikaw għall-familji u għall-użu li jirrigwarda bini mgħammar b'sistema ta' tisħin ċentrali b'konsum annwali ta' inqas minn 200 000 m^3".

Skont speċifikazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward fir-risposti mogħtija mill-partijiet fil-kawża prinċipali u mill-Gvern Taljan fl-aħħar tax-xahar ta' Lulju 2009 u fl-osservazzjonijiet ippreżentati waqt is-seduta, l-obbligu li jiġu applikati l-"prezzijiet ta' referenza" jikkonċerna żewġ kategoriji ta' konsumaturi:

a) il-klijenti finali li kienu diġà eliġibbli qabel l-1 ta' Jannar 2003 (minħabba l-konsum annwali ta' gass ta' iktar minn 200 000 m^3 jew għal raġunijiet oħrajn), u li ma jkunux għadhom ikkonkludew kuntratt ġdid ta' provvista ta' gass.

b) il-klijenti finali li l-konsum annwali tagħhom huwa ta' inqas minn 200 000 m^3.

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fis-seduta u fin-noti tagħhom ta' Lulju 2009, sostnew li ż-żewġ kategoriji ta' klijenti finali jinkludu kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll l-impriżi, inklużi wkoll il-persuni ġuridiċi [22]. Huma jinvokaw id-Deċiżjoni Nru 64/09 tal-Awtorità, li l-artikolu 4 tagħha estenda l-prezzijiet protetti għall-komunità ta' proprjetarji, u anki jekk id-detentur tal-punt ta' distribuzzjoni jkun persuna ġuridika li teżerċita l-funzjonijiet ta' amministratur tal-kondominju. Madankollu, skont l-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni, il-klijenti finali li ma stipulawx kuntratti ġodda u li mhumiex individwi privati jibqgħu jibbenefikaw mis-servizz ta' ħarsien sa Settembru 2009 jew sat-30 ta' Settembru 2010, jekk il-konsum annwali tagħhom ma jaqbiżx 200 000 m^3.

Min-naħa l-oħra l-Gvern Taljan isostni li s-sistema ta' "prezzijiet ta' referenza" tapplika biss għall-persuni fiżiċi.

4) Fil-verżjoni approvata mill-Parlament Taljan, li temenda fuq dan il-punt it-test inizjali, li ma semma xejn f'dan ir-rigward, id-Diġriet Liġi jattribwixxi lill-poter tariffarju tal-Awtorità natura tranżitorja.

Fis-seduta, l-impriżi rikorrenti sostnew li n-natura tranżitorja msemmija tal-poter li tiffissa t-tariffi mhijiex biżżejjed, billi fl-ebda mument ma ġie ffissat terminu massimu għall-eżerċizzju tiegħu. F'dan is-sens, huma rriferew għal-liġi riċenti Nru 99, tat-23 ta' Lulju 2009, li fil-fehma tagħhom, tagħti lill-Awtorità poter regolamentari ġenerali u mingħajr limitazzjonijiet temporali ta' kwalunkwe tip.

5) Fl-aħħar nett, il-leġiżlatur Taljan iżid li d-definizzjoni ta' "prezzijiet ta' referenza" hija "fil-kuntest tal-obbigi ta' servizz pubbliku", u "biex jiġu ggarantiti d-dispożizzjonijiet Komunitarji fir-rigward tas-servizz universali".

35. It-Tribunale Amministrativo Regionale tal-Lombardija jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk intervent pubbliku ta' dan it-tip, f'suq liberalizzat bħal dak tal-gass, iżda mingħajr kompetizzjoni reali, jiksirx l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/55 jew jistax ikun konformi mal-Artikolu 3 tagħha. Għalhekk hemm bżonn li jiġu analizzati ż-żewġ dispożizzjonijiet.

22 — Osservazzjonijiet bil-miktub ta' Federutility tal-31 ta' Lulju 2009, punti 12 u 13; u ta' Sorgenia tal-31 ta' Lulju 2009, punt 2.

VI — Analiżi tad-domanda preliminari

A — *L-Artikolu 23 u l-liberalizzazzjoni tal-prezzijiet*

36. Il-ħolqien ta' suq intern tal-gass naturali, għan prijoritarju tad-Direttiva 2003/55, jirrikjedi liberalizzazzjoni totali.

37. Il-leġiżlatur Komunitarju fehem malajr li l-ftuħ kellu jsir b'mod gradwali. Fil-punt ta' tluq, is-swieq kienu rregolati ħafna, strettament nazzjonali u ta' spiss monopolistiċi [23]. L-isfida kienet tikkonsisti fit-trasformazzjoni tagħhom f'suq wieħed Ewropew kompletament liberu, fejn l-utenti kollha jistgħu jixtru l-gass mill-bejjiegħ tal-għażla tagħhom. Id-Direttiva 98/30 kienet l-ewwel pass timidu, li ġiet segwita bl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/55, li ħabbret kalendarju progressiv lejn l-għoti ta' statut ta' eliġibbiltà lill-klijenti kollha, inklużi l-klijenti domestiċi [24].

38. It-terminu biex jintlaħaq dan l-għan kien l-1 ta' Lulju 2007. Biex dan jintlaħaq, kien hemm bżonn li jiġu eliminati l-ostakoli għall-kompetizzjoni fis-suq tal-gass, u b'mod partikolari l-interventi tariffarji, peress li dawn jiskoraġġixxu l-investimenti. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva jimponi fuq l-Istati Membri li "għandhom jaccertaw, […] li [...] impriżi tal-gass naturali jigu operati skond il-principji ta' din id-Direttiva bi skop li jinkiseb suq tal-gass naturali kompetittiv, sigur u sostenibbli fl-ambjent [...]"

39. Fid-dawl tad-Direttiva, u tal-intenzjoni ċara ta' liberalizzazzjoni li għandha, jidher li huwa diffiċli li wieħed isostni, kif fil-fatt għamel il-Gvern Pollakk fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li d-determinazzjoni tal-prezzijiet mħollija sempliċiment għal-logħba tad-domanda u tal-provvista mhijiex kundizzjoni indispensabbli biex jiġi ggarantit id-dritt li wieħed jagħżel il-provveditur tiegħu. Għaldaqstant, la l-Artikolu 23 u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tad-Direttiva ma jimponu espressament fuq l-Istati Membri l-obbligu li l-iffissar tal-prezzijiet tal-provvista jitħalla għas-suq ħieles, u xejn ma jostakola diskussjoni, fit-teorija, fuq jekk hijiex miżura dejjem vantaġġuża għall-konsumatur.

40. Madankollu huwa sinjifikattiv li l-leġiżlatur Komunitarju jistabbilixxi li l-awtoritajiet ta' regolamentazzjoni japprovaw it-tariffi ta' trasport u distribuzzjoni tal-gass (Artikolu 25(2) tad-Direttiva) u li, minnaħa l-oħra, jistabbilixxi bħala sempliċi poter eċċezzjonali, fil-kuntest tal-obbligi ta'

23 — Il-monopolji pubbliċi ma kinux rari.

24 — Fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva.

servizz pubbliku, l-iffissar ta' prezzijiet għall-provvista (Artikolu 3(2)).

B — *L-Artikolu 3 u l-obbligi ta' servizz pubbliku*

41. Għalhekk, il-liberalizzazzjoni tas-suq ma teskludix kull tip ta' intervent fil-prezz tal-bejgħ tal-gass. L-Artikolu 3 tad-Direttiva jipprovdi diversi possibbiltajiet biex jillegalizza l-interventi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

42. L-ewwel nett, l-Artikolu 3(2) jawtorizzahom jimponu "fl-interess ekonomiku generali, obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku", fir-rigward tal-prezz tal-provvisti. It-tieni nett, l-Artikolu 3(3) jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu lill-klijenti finali u b'mod partikolari, il-klijenti vulnerabbli, billi jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

43. Dawn iz-żewġ paragrafi jirriflettu d-diversi għanijiet tad-Direttiva 2003/55: it-twaqqif ta' suq intern tal-gass bħala mezz għall-protezzjoni tal-interessi tal-impriżi u, fl-istess ħin, tal-konsumaturi. Din hija l-liberalizzazzjoni, imma mhux bi kwalunkwe prezz, fir-rigward tal-individwi privati, tant li teħtieġ ċertu grad ta' regolamentazzjoni meta s-suq ma jiffunzjonax b'mod adegwat. L-obbligi ta' servizz pubbliku jikkostitwixxu metodu ta' strutturazzjoni ta' dan l-intervent pubbliku eċċezzjonali, anki wara t-terminu tal-1 ta' Lulju 2007.

44. Fil-mument tal-approvazzjoni tat-tieni pakkett enerġetiku, il-formula kienet diġà ġiet użata ħafna. Ladarba jiġu eliminati l-monopolji pubbliċi [25] u wara li s-settur ġie suġġett għar-regoli tas-suq, kien baqa' jiġu koperti ċerti eżiġenzi ta' interess ġenerali. Għal dan l-iskop il-leġiżlatur Komunitarju kkunsidra l-possibbiltà li jimponi obbligi ta' servizz pubbliku u ta' servizz universali, anki sa fl-ewwel setturi liberalizzati, bħal dak postali, dak tat-trasport jew dak tat-telekomunikazzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat dawn id-derogi, u b'mod partikolari l-finanzjament tagħhom, b'attenzjoni partikolari ħafna, u ddikjarat li s-sussidji mħallsa bħala "tpaċija" għall-obbligi ta' servizz pubbliku ma kinux għajnuna mill-Istat [26] u ma jiksrux it-Trattat, meta jissodisfaw kundizzjonijiet partikolari [27].

25 — "Huwa meqjus li jaġixxu dejjem fl-interess pubbliku" (C.W. Jones, *EU Energy Law, Volume I, The Internal Energy Market*, Second Edition, Leuven: Caléis & Castells, 2006, p. 223, [traduzzjoni libera]

26 — Fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

27 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, Ġabra p. I-7747) punti 84 sa 95. Is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2003, Enirisorse (C-34/01 sa C-38/01, Ġabra p. I-14243), applikat il-kundizzjonijiet iddikjarati fid-deċiżjoni preċedenti f'kawża fejn kienet ġiet diskussa n-natura ta' taxxa tal-port li kienet tinġabar parzjalment minn impriża pubblika. Qabel Altmark, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, Ferring (C-53/00, Ġabra p. I-9067), kienet diġà speċifikat l-elementi indispensabbli biex eżenzjoni fiskali mogħtija lil impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi pubbliċi tkun kompatibbli mat-Trattat.

45. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/55 jinkludi l-kunċett ta' obbligu ta' servizz pubbliku fil-katalogu ta' strumenti għall-istrutturazzjoni tas-settur tal-gass, billi jippermetti lill-Istati Membri li jimponu ċerti oneri fuq impriżi tas-settur, meta dan ma jkunx jista' jiġi separat mill-għan li jiġi salvagwardat "interess ekonomiku ġenerali", li tiegħu ma jiddefinixxix konkretament il-portata [28].

46. In-nuqqas ta' speċifikazzjoni tad-Direttiva turi l-marġni wiesa' ta' manuvra li l-leġiżlatur Komunitarju ta lill-Istati Membri. Dan huwa kkonfermat mill-Premssa 27 li ssemmi l-iffissar ta' "standards komuni" minimi fir-rigward tal-osservanza ta' obbligi ta' servizz pubbliku, jiġifieri livelli iebsin "li jqisu l-għanijiet tal-ħarsien tal-konsumatur, sigurtà tal-fornitura [provvista], ħarsien ta' l-ambjent u livelli ta' kompetizzjoni ekwivalenti fl-Istati Membri kollha" interpretati fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull pajjiż "kont meħud għaċ-ċirkostanzi nazzjonali bla ħsara għall-osservanza tal-liġijiet tal-Komunità".

47. Iżda l-libertà tal-Istati Membri f'din il-materja mhijiex assoluta, peress li l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva jistabbilixxi kontroll "dwar il-mizuri kollha adottati biex jilħqu l-obbligazzjonijiet dwar is-servizz pubbliku, inklużi l-protezzjoni tal-konsumatur u ta' l-ambjent, u l-effett possibbli tagħhom fuq il-kompetizzjoni nazzjonali u internazzjonali". Dawn il-miżuri għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fil-mument tat-traspożizzjoni tar-regola u l-emendi għandhom jiġu nnotifikati lilha kull sentejn [29].

28 — Id-Direttiva tirreferi biss għall-obbligi tas-servizz pubbliku intiżi għall-ħarsien ta' dan l-interess, u li jistgħu "jikkonċernaw is-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-forniturі, kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-effiċjenza enerġetika u l-protezzjoni tal-klima". Ma naqsux dawk li ddiskrivew il-lista inkwistjoni ta' *numerus clausus* ta' kawżi ta' "interess ekonomiku ġenerali" li jistgħu jilleġittimaw l-intervent statali (W. Geldhof, u F. Vandendriessche, "Chapter 1: European Electricity and Gas Market Liberalisation. Background, Status, Developments", *ELI Energy Law and Policy Issues*, Edizzjoni ta' B. Delvaux, M. Hunt, u K. Talus, Euroconfidentiel, p. 48, li min-naħa tagħhom jiċċitaw lil C .W. Jones, *op. cit.*, p. 230). Madankollu, fil-fehma tiegħi r-regola tispeċifika t-tipi ta' azzjonijiet meħtieġa biex jitwettqu l-obbligi tas-servizz pubbliku inkwistjoni; din mhijiex lista ta' ċirkustanzi li għandhom jattivawhom, avolja ż-żewġ aspetti huma marbutin mill-qrib. Mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu joħolqu obbligi ta' servizz pubbliku dwar il-prezz tal-bejgħ tal-gass, imma din is-sempliċi referenza mhijiex biżżejjed. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk hijiex missjoni ta' interess ekonomiku ġenerali.

29 — Il-Kummissjoni pprovat tippreċiża dak meħtieġ mid-Direttiva f'nota mhux vinkolanti, li tirreferi parzjalment għat-twettiq tal-kontroll *ex ante* tal-obbligi tas-servizz pubbliku nnotifikati mill-Istati Membri ("Note de la DG Energie et Transports sur les Directives 2003/54/CE et 2003/55/CE du marché interieur de l'électricité et du gaz natural. Document n'engageant pas la Commission", disponibile en http://ec.europa.eu/energy/electricity/legislation/doc/notes_for_implementation_2004/public_service_obligations_fr.pdf). Bil-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħha f'din l-attività ta' verifika, it-tielet pakkett enerġetiku jindika li l-Kummissjoni tapprova gwidi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (l-Artikolu 3(4) tal-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 2003/55/KE, iċċitata, li tintroduċi subartikolu (7) ġdid fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/55).

48. Barra minn hekk, id-Direttiva tistabbililxxi regoli pjuttost stretti sabiex jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku, peress li għandhom:

— jirrispondu għall-"interess ekonomiku ġenerali";

— jiżviluppaw fl-osservanza sħiħa "tad-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu";

— ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti u verifikabbli;

— ma joħolqux diskriminazzjoni ; u

— jiggarantixxu aċċess uġwali għall-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea li joperaw fis-settur tal-gass lill-konsumaturi nazzjonali.

49. Il-legalità tal-poter tariffarju tal-Autorità per l'energia elettrica e il gas, li ġiet ikkontestata f'dan il-każ partikolari, tiddependi mill-osservanza ta' dawn ir-regoli, li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti nazzjonali abbażi tal-interpretazzjoni tad-Direttiva mill-Qorti tal-Ġustizzja [30].

50. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu eżaminati kemm r-rekwiżit ta' "interess ekonomiku ġenerali" (C), fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 86 (D), kif ukoll il-kwistjoni tan-natura nondiskriminatorja (E).

C — *In-neċessità ta' prezzijiet raġonevoli bħala motiv ta' "interess ekonomiku"*

51. L-eżistenza ta' "interess ekonomiku ġenerali" li jiġġustifika l-obbligi ta' servizz pubbliku jirrappreżenta l-ewwel aspett ikkontestat f'din il-kawża.

52. Kif il-Kummissjoni ġustament enfasizzat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha [31], ir-referenza doppja tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva

30 — Skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva, dawn il-miżuri għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, kif fil-fatt għamel il-Gvern Taljan wara li ntalab jagħmel hekk (osservazzjoni bil-miktub tal-Kummissjoni, punt 42).

31 — Punt 38.

għall-Artikolu 86 KE u għall-"interess ekonomiku ġenerali" tfisser li l-obbligi inkwistjoni jikkorrispondu għal dawk imposti fuq l-impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" fis-sens tal-Artikolu ċċitat iktar 'il fuq tat-Trattat [32].

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li huwa ta' interess ekonomiku ġenerali grupp varjat ta' servizzi, bħad-distribuzzjoni tal-ilma [33], tal-gass [34], u tal-enerġija elettrika [35], il-ġbir u t-tqassim tal-korrispondenza fuq it-territorju nazzjonali kollu [36], il-ġestjoni ta' linji tal-ajru li ma jagħmlux qligħ [37], it-trasport bl-ambulanza [38] jew l-attività tal-bejjiegħa bl-ingrossa ta' prodotti farmaċewtiċi [39], biex jiġu ċċitati ftit eżempji. Diffiċli li wieħed jislet minn dawn id-deċiżjonijiet [40] kunċett univoku u preċiż. Id-Direttiva, it-Trattat u l-ġurisprudenza huma ispirati mill-istess idea ta' ekwilibriju bejn is-suq u l-leġiżlazzjoni, bejn il-kompetizzjoni u l-implikazzjonijiet tal-interess ġenerali, u jikkoinċidu wkoll, fil-fehma tiegħi, fil-kunsiderazzjoni li huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jixtiequ jissalvagwardjaw, mingħajr ħsara għall-poter tal-istituzzjonijiet Komunitarji (partikolarment il-Qorti tal-Ġustizzja) li jiġu vverifikati dawn id-deċiżjonijiet u biex jiġu evitati eċċessi [41].

54. Sabiex jinsab element komuni, jeħtieġ li wieħed jibbaża fuq il-liġijiet magħrufa ta' Rolland, li s-sentenzi Corbeau [42] u Almelo *et* [43]

32 — L-espressjoni "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" tirreferi għal servizzi ta' natura ekonomika li Stat Membru jissuġġetta għal ċerti obbligi favur interess ġenerali determinat (E. Szyszczak, *The Regulation of the State in Competitive Markets in the EU*, Ed. Hart, 2007, p. 211). Il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva huwa dderivat, fi kliem ta' Laget-Annamayer, mill-konfluwenza "tal-kunċett Franċiż ta' servizz pubbliku u tal-kunċett Komunitarju ta' 'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali'" (A. Laget-Annamayer, *La régulation des services publics en réseaux. Télécommunications et électricité*, Ed. Bruylant, Brussell, 2002, p. 98).

33 — Sentenza tat-8 ta' Novembru 1983, IAZ International Belgium *et* vs Il-Kummissjoni (96/82 sa 102/82, 104/82, 105 /82, 108/82 u 110/82, Ġabra p. 3369).

34 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-159/94, Ġabra p. I-5815).

35 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' April 1994, Almelo (C-393/92, Ġabra p. I-1477).

36 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau (C-320/91, Ġabra p. I-2533); tal-10 ta' Frar 2000, Deutsche Post (C-147/97 u C-148/97, Ġabra p. I-825), u tas-17 ta' Mejju 2001, TNT Traco (C-340/99, Ġabra p. 4109).

37 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' April 1989, Ahmed Saeed Flugreisen u Silver Line Reisebüro (66/86, Ġabra p. 803).

38 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner (C-475/99, Ġabra p. I-8089).

39 — Sentenza Ferring, iċċitata iktar 'il fuq.

40 — Kollha jirreferu għal impriżi bi drittijiet esklużivi u speċjali, mhux għal entitajiet li joperaw fis-setturi liberalizzati u lanqas għal dawk li għandhom imposti fuqhom obbligi ta' servizz pubbliku. Għalhekk l-applikazzjoni tagħhom f'dan l-każ għandha tkun ibbażata fuq dan il-kuntest speċifiku, li għalissa għadu ma jissemmix fil-ġurisprudenza.

41 — Din l-idea hija sottointiża wkoll fl-Artikolu 16 KE, li jipprovdi li "[m]ingħajr preġudizzju għall-Artikoli 73, 86 u 87, u meta tikkonsidra l-post okkupat mis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-valuri komuni ta' l-Unjoni kif ukoll tar-rwol tagħhom li jippromwovu l-koeżjoni soċjali u territorjali, il-Komunità u l-Istati Membri, skond il-poteri rispettivi tagħhom u fl-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat, għandhom jieħdu ħsieb li dawk is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom". Dan it-test ġie inkluż wkoll fit-Trattat ta' Amsterdam, f'nofs il-proċess ta' liberalizzazzjoni ta' setturi strateġiċi, bħala riżultat "ta' preokkupazzjoni profonda f'ċerti oqsma soċjali minħabba x-xejra ta' *laisser-faire* adottata fil-livell Ewropew" (D. Sarmiento, "La recepción en el derecho de la Unión Europea y en su jurisprudencia de las técnicas de regulación económica", *Derecho de la regulación económica I. Fundamentos e instituciones de la regulación,* direzzjoni S. Muñoz Machado, u J. Esteve Pardo, Edizzjoni Iustel, Fundación Ortega y Gasset, 2009, p. 259).

42 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 15.

43 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 48. Fl-istess sentenza, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-159/94, Ġabra p. I-5815, punt 57).

jirreferu għalihom indirettament meta jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-provvista tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali: b'mod mhux interrott (kontinwità); għall-benefiċċju tal-utenti kollha u fuq it-territorju kollu kkonċernat (universalità); b'tariffi uniformi u b'kundizzjonijiet ta' kwalità simili, irrispettivament mis-sitwazzjonijiet partikolari jew mil-livell ta' qligħ ekonomiku ta' kull operazzjoni individwali (ugwaljanza).

D — *It-test ta' proporzjonalità u l-osservanza tal-interessi Komunitarji*

55. Kontinwità, universalità u ugwaljanza. Illum, ma' dawn il-prinċipji klassiċi, wieħed iżid normalment it-trasparenza u n-natura ekonomikament aċċessibbli tas-servizz. Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/55 tipprovdi għall-kontinwità, għall-universalità u għan-nondiskriminazzjoni fil-provvista ta' gass [44], iżda tipproponi wkoll li tħares id-drittijiet tal-klijenti "li jiġu forniti b'gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli" (premessa 26). Dan jispjega l-possibbiltà ta' intervent fil-prezz imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva.

56. F'dawn il-kundizzjonijiet, wieħed jiddeduċi li l-għan li jiġu evitati żidiet mhux mixtieqa u sproporzjonati tal-prezzijiet li jippenalizzaw il-konsumaturi jikkostitwixxi raġuni ta' "interess ekonomiku ġenerali" li, meta l-kundizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva jiġu sodisfatti, tiġġustifika intervent pubbliku fit-tariffi tal-provvista tal-gass naturali.

57. It-tieni kundizzjoni hija bbażata fuq l-osservanza sħiħa tat-Trattat u, partikolarment, tal-Artikolu 86 tiegħu.

58. Importanza kbira għandha tingħata lill-Artikolu 86(2) KE li, kif ġie osservat fil-ġurisprudenza, irid "jirrikonċilja l-interess tal-Istati Membri biex jużaw impriżi determinati, partikolarment fis-settur pubbliku, bħala strument ta' politika ekonomika jew fiskali mal-interess tal-Komunità għall-osservanza tar-regoli ta' kompetizzjoni u l-preservazzjoni tal-unità tas-suq komuni" [45].

59. Skont din id-dispożizzjoni, kull "impriża responsabbli biex topera servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali" hija suġġetta

44 — Dan huwa kkonfermat mil-lista tal-obbligi fl-Artikolu 3(2) u mill-possibbiltà li jiġi indikat "provditur [fornitur] ta' l-aħħar riżort" (l-Artikolu 3(3)).

45 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 1991, Franza vs Il-Kummissjoni (C-202/88, Ġabra p. I-1223, punt 12).

għar-regoli ta' dan it-Trattat, b'mod partikolari dawk li jirreferu għall-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tostakolax it-twettiq, *de jure* jew *de facto*, tal-funzjonijiet speċifiċi mogħtija lilha. Fi kwalunkwe każ, l-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiġi affettwat b'mod kuntrarju għall-interessi tal-Komunità.

60. F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi analizzat l-ewwel nett jekk l-intervent fit-tariffi ta' provvista tal-gass jirrappreżentax miżura indispensabbli biex jiġu ggarantiti "prezzijiet raġonevoli" (l-hekk imsejjaħ kontroll ta' proporzjonalità) u t-tieni nett, jekk dan jikkawżax ħsara għal "l-interess tal-Komunità".

1. It-test ta' proporzjonalità

a) Il-ġurisprudenza

62. Is-sentenza Sacchi qajmet aspettattivi dejjem ikbar fir-rigward ta' dan l-Artikolu, u tħalliet f'idejn l-Istati l-prova li l-kompetizzjoni libera hija għal kollox inkompatibbli mal-funzjoni fdata lill-korp inkwistjoni [46]. Sussegwentement, is-sentenza Höfner speċifikat li t-Trattat ma jipprekludix il-funzjoni speċifika fdata lil uffiċċju pubbliku għax-xogħol, "peress li dan ma jistax jissodisfa d-domanda eżistenti f'dan ir-rigward fis-suq" u li jippermetti lil kumpanniji oħrajn li jikkawżaw ħsara lid-dritt esklużiv tiegħu [47].

63. Madankollu, sas-sentenza Corbeau, iċċitata iktar 'il fuq, il-prinċipju ta' proporzjonalità ma jidhirx fir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-sentenza Corbeau, u sussegwentement f'Almelo, iċċitata iktar 'il fuq ukoll, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ammissibbli l-eċċezzjonijiet għar-regoli tas-suq li kienu meħtieġa biex jiġi żgurat il-"bilanċ ekonomiku" tas-servizz, skont il-piż li jirrigwarda attivitajiet ta' qligħ u attivitajiet ta' bla qligħ.

61. Il-parti tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq li tipprovdi li l-eċċezzjoni għar-regoli tas-suq ma tistax tostakola t-twettiq, *de jure* jew de *facto*, tal-missjoni ta' interess ekonomiku ġenerali, tintroduċi fid-diskussjoni t-"test ta' proporzjonalità", li huwa ċentrali għall-Artikolu 86(2) KE, billi jippermetti li jiġi rregolat l-użu.

64. Sussegwentement, tliet deċiżjonijiet dwar drittijiet esklużivi ta' importazzjoni u ta'

46 — Sentenza tat-30 ta' April 1974, (155/73, Ġabra p. 409). Fl-istess sens, ara s-sentenza Ahmed Saeed Flugreisen u Silver Line Reisebüro, iċċitata iktar 'il fuq.

47 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser (C-41/90, Ġabra p. I-1979), punt 25).

esportazzjoni tal-enerġija elettrika mogħtija fil-Pajjiżi Baxxi, fl-Italja u fi Franza [48] żiedu iktar dettalji. Minn naħa, dawn is-sentenzi rreferew għall-proporzjonalità fil-kuntest tal-Artikolu 86 KE, b'mod li jkun jista' jiġi invokat il-paragrafu 2 li bis-saħħa tiegħu "jista' jiġi ġġustifikat l-għoti, min-naħa ta' Stat Membru, lil impriża inkarigata mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ta' drittijiet esklużivi […], jekk it-twettiq tal-funzjoni speċifika fdata lilha jista' jiġi ggarantit unikament grazzi għall-għoti ta' dawk id-drittijiet u sakemm l-iżvilupp tal-kummerċ ma jkunx affettwat b'mod li jmur kontra l-interessi tal-Komunità" [49]. Min-naħa l-oħra, huma ddikjaraw li, sabiex ir-regoli tat-Trattat ma jkunux applikabbli, huwa biżżejjed li l-applikazzjoni tagħhom tostakola "t-twettiq, fid-dritt u fil-fatt, tal-obbligi speċifiċi li għandha l-impriża. Mhuwiex meħtieġ li s-sopravivenza stess tal-impriża tkun mhedda" [50] u, għalkemm l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-Istat Membru kkonċernat, huwa ma jistax jiġu meħtieġ li juri li "l-ebda dispożizzjoni oħra immaġinabbli, fiha nnifisha ipotetika, ma tista' tiżgura t-twettiq tal-imsemmija funzjonijiet bl-istess kundizzjonijiet" [51].

65. Skont din il-ġurisprudenza, ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Artikolu 86 KE jistgħu jiġu esklużi biss jekk il-kompitu ta' interess ġenerali inkwistjoni jeżiġi dan, peress li l-evalwazzjoni ta' dawn iċ-ċirkustanzi għandha ssir mill-Istati Membri, skont il-politika nazzjonali tagħhom u l-osservanza tat-Trattat.

b) L-applikazzjoni tiegħu fil-każ inkwistjoni

66. Il-Gvern Taljan, b'Digriet Liġi, iddeċieda li jagħti lill-awtorità nazzjonali tiegħu ta' regolamentazzjoni poter ta' intervent fit-tariffi ta' provvista tal-gass naturali, billi sostna li kien hemm nuqqas ta' kompetizzjoni reali fis-suq nazzjonali tal-gass u t-tendenza għaż-żieda fil-prezz tal-prodotti taż-żejt fis-swieq internazzjonali.

67. Fil-fehma tiegħi, sitwazzjoni bħal din tista' eventwalment tkun ta' ostakolu biex jintlaħaq l-"interess ekonomiku ġenerali" li jikkonsisti fil-garanzija tal-provvista tal-gass bi prezzijiet raġonevoli, biex b'hekk l-intervent tal-Istat isir leġittimu fit-tħaddim ħieles tar-regoli tas-suq.

68. Fil-Komunikazzjoni tal-10 ta' Jannar 2007, iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 28 ta' dawn

48 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi (C-157/94, Ġabra p. I-5699); Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-158/94, Ġabra p. I-5789), u Il-Kummissjoni vs Franza (Ġabra p. I-5815). Ir-raba' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra Spanja ġie miċħud: sentenza tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-160/94, Ġabra p. I-5851).

49 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32; Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43, u Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49.

50 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, punt 43, u Il-Kummissjoni vs Franza, punt 59, it-tnejn iċċitati iktar 'il fuq, Ara wkoll is-sentenza TNT Traco, iċċitata iktar 'il fuq, punt 54, u tal-15 ta' Novembru 2007, International Mail Spain (C-162/06, Ġabra p. I-9911, punt 35).

51 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58; Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 54, u Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 101.

il-konklużjonijiet, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li "[l-]esperjenza wriet sa issa li l-prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa huma estremament instabbli. Għalhekk tqum il-kwistjoni jekk u kif il-konsumaturi finali (inklużi l-klijenti vulnerabbli) għandhom jiġu protetti kontra l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet". Fid-dawl ta' din il-preokkupazzjoni, żżid tgħid li "jekk huwa minnu li l-kontrolli fuq il-prezzijiet, li jostru s-sinjali li dawn jistgħu jittrażmettu, jimpedixxu l-konsumaturi milli jifhmu liema ser tkun l-evoluzzjoni futura tal-ispejjeż, għandu, madankollu, jiġi rrikonoxxut li leġiżlazzjoni mmirata sew tal-prezzijiet tista' tkun meħtieġa biex tħares il-konsumaturi f'ċirkustanzi determinati, pereżempju matul il-perijodu ta' tranżizzjoni għal kompetizzjoni effettiva". Minkejja dan, "din il-leġiżlazzjoni tal-prezzijiet għandha madankollu tkun ibbilanċjata, fis-sens li ma għandhiex tostakola l-ftuħ tas-suq u lanqas toħloq diskriminazzjoni bejn il-provdituri Ewropej tal-enerġija u lanqas taggrava d-distorsjonijet tal-kompetizzjoni jew tillimita l-bejgħ mill-ġdid" [52].

69. Għaldaqstant, l-intervent għandu jkun proporzjonali għall-għan u dan ifisser, skont il-ġurisprudenza, li ma għandux imur lil hinn minn dak li huwa indispensabbli biex jintlaħaq l-għan ikkonċernat "ta' interess ekonomiku ġenerali": f'dan il-każ il-moderazzjoni tal-prezzijiet. Għat-test ta' proporzonalità jeħtieġ li jintużaw il-kriterji li ġejjin, li jirriżultaw mill-ġurisprudenza analizzata:

52 — Punt 2 ,6. 2.

i) Natura tranżitorja u adattabbiltà

70. In-natura temporanja tal-miżura hija, fil-fehma tiegħi, l-ewwel u l-konsegwenza prinċipali tal-prinċipju ta' proporzjonalità, billi l-eċċezzjoni għar-regoli tas-suq intern titlef il-ġustifikazzjoni tagħha jekk tinbidel is-sitwazzjoni, pereżempju meta jidħlu kompetituri fis-suq bl-ingrossa jew jekk jistabbilizzaw il-prezzijiet. Poter tariffarju eventwali fis-seħħ b'mod indeterminat jikser, konsegwentement, din ir-regola [53], iżda ma jkunx meħtieġ li tiġi ffissata data ta' skadenza tad-dritt ta' intervent. Barra minn hekk, l-adattabbiltà tiegħu fil-kuntest ġdid u l-aġġornament perijodiku [54], jikkostitwixxu aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati bħala pożittivi.

ii) Kontenut

71. Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi analizzat il-kontenut tal-miżura kkontestata. Għalhekk, sabiex jiġi evitat li l-ammont imħallas mill-konsumatur finali tal-gass naturali jogħla eċċessivament minħabba l-livell għoli tal-prezz taż-żejt, l-intervent pubbliku għandu

53 — Fuq dan probabbilment hija bbażata r-raġuni għaliex fil-proċedura parlamentari ta' konverżjoni, hemm enfasizzata n-natura tranżitorja tal-poter tal-Awtorità.

54 — Skont l-Gvern Taljan, dan isir kull tliet xhur (punt 60 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu).

jkun limitat għal dan l-element tal-prezz tal-bejgħ fir-rigward tal-materja prima [55].

iii) Destinatarji

72. Fit-tielet lok, il-proporzjonalità timponi restrizzjoni fuq in-numru tad-destinatarji tad-deċiżjoni statali. It-tariffi obbligatorji għall-utenti kummerċjali (li mhumiex familji jew "klijenti domestiċi") imorru lil hinn mill-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi li, fl-aħħar mill-aħħar, jiġġustifika l-intervent pubbliku fis-suq. F'dan il-każ, dan ifisser li għandu jiġi determinat jekk il-"klijenti domestiċi" msemmija fid-Digriet Liġi jaqgħux taħt din il-kategorija. Fis-seduta, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Taljan esponew il-pożizzjonijiet diverġenti rispettivi tagħhom f'dan ir-rigward. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Taljana u, fuq kollox, tad-Deċiżjoni Nru 64/09 tal-Awtorità, il-ħarsien tariffarju japplikax għall-impriżi; jekk tingħata risposta fl-affermattiv, għandu jiġi deċiż li dan l-intervent huwa sproporzjonat u għalhekk, kuntrarju għad-dritt Komunitarju.

73. Federutility, Assogas u Libarna jikkritikaw ukoll l-estensjoni tal-"prezzijiet ta' referenza" lil hinn mill-kategorija ta' "klijenti vulnerabbli" taħt l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, fejn issir premura partikolari għal dan il-grupp ta' persuni (qabel ma ssemmi dawk li joqogħdu f'żoni periferiċi), iżda fil-kuntest ta' impenn ġenerali ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, la mill-paragrafu 3 u lanqas mill-paragrafu 2 ma jirriżulta li l-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom ikunu bbażati dejjem fuq solidarjetà soċjali.

iv) Paragun ma' strumenti oħrajn

74. Fir-raba' lok, fost is-soluzzjonijiet kollha possibbli hemm bżonn li tingħażel waħda li tagħmel l-inqas ħsara għall-kompetizzjoni libera. Il-ġurisprudenza tat marġni wiesa' ta' manuvra f'dan is-suġġett lill-Istati Membri, fejn ma ġietx imposta l-*probatio diabolica* li "l-ebda dispożizzjoni oħra imaġinabbli [...] ma tiggarantixxi t-twettiq tal-imsemmija funzjonijiet fl-istess kundizzjonijiet" [56]. F'dan is-sens is-sentenza Albany [57] eskludiet il-possibbiltà li l-awtoritajiet jagħtu preferenza għas-soluzzjoni l-inqas restrittiva tal-kompetizzjoni.

55 — Il-Kummissjoni (punt 56) issostni li dan huwa l-każ fl-Italja, fatt li, bħall-oħrajn li baqa', għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

56 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58; Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 54, u Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 101.

57 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1999, Albany (C-67/96 Ġabra p. I-5751), punti 99 u 104.

75. Federutility tirrikonoxxi li l-Istat Taljan jipproteġi l-kwalità u l-prezz tal-provvista (kif ukoll tas-sigurtà u tar-regolarità tagħha) permezz tal-indikazzjoni ta' provveditur aħħari. Hija l-qorti Taljana li għandha tivverifika jekk l-intervent tariffarju u s-servizz universali (stabbilit fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva) għandhomx l-istess għan jew jekk humiex orjentati lejn finijiet differenti u komplementari.

76. L-analizi komparattiva magħmula mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 3(6) tad-Direttiva tista' tintuża għal kontroll ta' dan it-tip, billi jiġu pparagunati s-soluzzjonijiet implementati fid-diversi Stati Membri. Madankollu dan it-tip ta' paragun għandu jsir bl-ikbar prudenza peress li d-Direttiva stess tistabbilixxi li "r-rekwiziti tas-servizz pubbliku jistgħu jiġu interpretati fuq bażi nazzjonali, kont meħud għaċ-ċirkostanzi nazzjonali bla ħsara għall-osservanza tal-liġijiet tal-Komunità" (premessa 27).

2. Il-ksur tal-"interess tal-Komunità"

77. Mingħajr preġudizzju għat-test ta' proporzjonalità deskritt iktar 'il fuq, l-Artikolu 86(2) KE jeżiġi li l-miżura adottata ma taffettwax il-kummerċ "b'mod kuntrarju għall-interessi tal-Komunità".

78. Fit-tliet sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-23 ta' Ottubru 1997[58], il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-Kummissjoni tiddefinixxi dan l-interess. Madankollu, kif josserva l-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Wouter *et*[59], dawn id-deċiżjonijiet jiġu spjegati bir-regoli li jirrigwardaw l-oneru tal-prova fil-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Naqbel mal-kollega preċedenti tiegħi li, sabiex titqies l-eżistenza ta' dannu għall-kummerċ intrakomunitarju fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE, jeħtieġ — b'differenza mill-każ tal-kunċett klassiku tal-miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva — li jiġi pprovat li l-miżura kkontestata tkun fixklet sostanzjalment il-funzjonament tas-suq intern.

79. F'dan il-każ, il-qorti Taljana għandha tistabbilixxi jekk l-intervent tal-Awtorità fuq il-prezzijiet ipprovokax dan it-tfixkil. Fid-digriet tar-rinviju tagħha, hija tirreferi għall-impatt negattiv taż-"żamma ta' regola intiża li trażżan l-ispiża tal-materja prima" fuq id-dritt taħt id-Direttiva tal-għażla tal-provveditur.

58 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69; Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65, u Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 113.

59 — Konklużjonijiet tal-10 ta' Lulju 2001 [sentenza tad-19 ta' Frar 2002, (C-309/99, Ġabra p. I-1577)].

Jeħtieġ li jiġi aċċertat ukoll jekk kienx hemm dannu reali u jekk, kif indikat [60], jipprekludix il-ftuħ tas-suq.

E — *Natura nondiskriminatorja tal-obbligi ta' servizz pubbliku*

80. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva jeżiġi li l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq l-impriżi li joperaw fis-settur tal-gass ma jkunux diskriminatorji.

81. L-għan huwa li l-obbligi inkwistjoni jorbtu bl-istess mod lill-operaturi kollha tas-settur, biex jiġi evitat li n-nuqqas ta' kompetizzjoni jsir agħar.

82. Pereżempju, tikser id-Direttiva l-impożizzjoni ta' "prezzijiet ta' referenza" biss fuq operatur dominanti, bil-vantaġġ kompetittiv addizzjonali li jirriżulta minn dan. Din iċ-ċirkustanza — u li l-miżura tibqa' fis-seħħ għal żmien indeterminat — wassal lill-Conseil constitutionnel Franċiż jiddikjara bħala inkostituzzjonali dispożizzjoni legali li kienet tissuġġetta l-"operaturi storiċi" għal tariffi obbligatorji għall-provvista ta' enerġija elettrika u ta' gass naturali [61].

83. Madankollu, lanqas applikazzjoni ġenerali u indifferenzjata ma tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza. L-impriża Assogas iżżid li d-deċiżjonijiet tal-Awtorità joħolqu differenza fit-trattatment bejn fornituri tal-gass li, fl-istess ħin, huma bejjiegħ bl-ingrossa, u dawk li m'humiex, peress li sa fejn t-tnejn huma obbligati li jaċċettaw il-prezzijiet minimi "ta' referenza", xejn ma jostakola lil tal-ewwel li jirkupraw l-ispiża żejda tal-materja prima fil-bejgħ tagħhom lil tal-aħħar. Mill-proċess jirriżulta li l-Awtorità pprovat tnaqqas dan l-iżvantaġġ għall-bejjiegħa bl-imnut, billi nkoraġġit in-negozjar mill-ġdid tal-kuntratti ta' bejgħ bl-ingrossa [62]. Assogas tissuġġerixxi li dan mhuwiex biżżejjed, peress li l-Awtorità ma tistax tintervjeni f'relazzjonijiet irregolati bid-dritt privat. Il-qorti tar-rinviju għandha, għalhekk, teżamina jekk kienx hemm diskriminazzjoni li kkawżat preġudizzju reali lil uħud mill-bejjiegħa bl-imnut ta' gass naturali.

60 — Osservazzjonijiet bil-miktub ta' Federutility, punt 62.

61 — Deċiżjoni Nru 2006-543, tat-30 ta' Novembru 2006. Il-Conseil constitutionnel iddikjara t-tariffi għall-operaturi storiċi manifestament inkompatibbli mal-għanijiet ta' liberalizzazzjoni tad-direttivi Komunitarji u eskluda kull ġustifikazzjoni bbażata fuq is-servizz pubbliku. B'referenza għal din id-deċiżjoni, ara E. Schoettl: "Les problèmes constitutionnels soulevés par la loi relative au secteur de l'énergie", *Petites affiches,* 395e année (2006), Nru 244, p. 3 sa 23.

62 — Osservazzjonijiet bil-miktub ta' Sorgenia, p. 6. Dawn huma miżuri ta' inċentiv ekonomiku għan-negozjazzjoni mill-ġdid, li kienu ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 79/07 tal-Awtorità, fil-punti 22 u 23 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Taljan.

F — *Ir-rwol tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva f'dan il-każ*

84. Filwaqt li fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva l-introduzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku tidher sempliċement bħala poter eżerċitat mill-Istati "fl-interess ekonomiku ġenerali", fil-paragrafu 3 l-Istati għandhom impenn ġenerali li "għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti finali u jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur".

85. Il-possibbiltà li l-paragrafu 3 jiġi applikat għal dan il-każ issemmiet f'ċertu numru ta' osservazzjonijiet bil-miktub, li ġiet miċħuda abbażi ta' argumenti, ftit jew wisq, ta' bażi soda.

86. Uħud mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jostnu li d-deċiżjonijiet kkontestati mhumiex iġġustifikati taħt il-paragrafu 3, imsemmi għaliex japplikaw għall-utenti kollha u mhux biss għal dawk "vulnerabbli". Dan l-argument huwa mingħajr bażi, billi d-dispożizzjoni inkwistjoni mhijiex ristretta għal dawn il-persuni, imma ssemmihom espressament biex tagħtihom protezzjoni speċjali.

87. Bħall-Kummissjoni, inqis li d-deċiżjonijiet adottati mill-Gvernijiet skont l-Artikolu 3(3) tad-Diretiva "ma jidhrux li jirreferu b'mod immedjat għall-ħolqien ta' obbligi tariffarji billi hemm id-dispożizzjoni iktar speċifika tal-paragrafu 2".

88. Il-paragrafu 3 jirreferi b'mod indirettament biss għad-dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-prezzijiet ta' provvista ta' gass, sa fejn l-Anness A, li jirreferi għalih, isemmi l-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu informati bid-dritt tagħhom "li jiġu forniti, taħt il-liġi nazzjonali li tapplika, bil-gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli" [paragrafu g].

89. Konsegwentement, l-intervent fil-prezz tal-provvista hija biss fakultà rregolata mill-paragrafu 2 u mhux mill-paragrafu 3.

90. L-Artikolu 3(3) jsaħħaħ is-setgħa tal-Istati Membri billi jippermettilhom — saħansitra jimponilhom — li jintervjenu f'suq liberalizzat bħal dak tal-gass, meta jqisu li hemm theddida reali għall-utenti, li tkun impossibbli li tiġi evitata bl-istrumenti tal-paragrafu 2.

VII — Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale della Lombardia (l-Italja), billi jiġi ddikjarat li:

"L-Artikolu 3 u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, li tirregola l-ftuħ tas-suq tal-gass, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li regola nazzjonali li, fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari ta' suq, li għadu kkaratterizzat min-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' 'kompetizzjoni effettiva', taċċetta d-determinazzjoni b'mezz amministrattiv tal-prezz ta' referenza tal-gass naturali, li għandu jiġi kkwotat fl-offerti kummerċjali indirizzati lill-klijenti domestiċi, sakemm il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/55 jiġu sodisfatti u, b'mod partikolari s-segwenti:

— il-miżura għandu jkollha interess ekonomiku ġenerali, bħaż-żamma tal-prezzijiet f'livell raġonevoli;

— il-miżura għandha tgħaddi mit-'test ta' proporzjonalità' fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tagħha, tal-kontenut tagħha u tal-destinatarji tagħha;

— il-miżura ma għandhiex tfixkel b'mod sostanzjali l-funzjonament tas-suq intern; u

— ma toħloqx diskriminazzjoni bejn l-operaturi fis-settur."